# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-12 ta' Frar 2021

**Rikors Numru : 62/2020 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**MS**

**Vs**

**VA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MS, datat 14 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) (Certifikat taz-Zwieg anness Dok A);*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn ghaxar (10) snin u sussegwentement issseparaw legalment permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Anton Borg datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) (Dok B);*

*Illi l-partijiet ma ghandhomx ulied minn dan iz-zwieg;*

*Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data li fiha l-partijiet isseparaw minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;*

*Ghaldaqstant l-esponenti MS umilment titlob lil din l-Onor. Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat VA bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onor. Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skond il-Ligi, u dan taht dawk il-provedimenti li din l-Onor. Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' VA, datata 7 ta' Dicembru 2020, a fol 17, li taqra hekk:

*Illi huwa jirreferi ghar-rikors intavolat mill-attrici, rikors nru 62/2020 JPG, sabiex din l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg taghhom;*

*Illi huwa ma joggezzjonax ghat-talba tar-rikorrenti martu, llum legalment separata minnu sa mis-sena 2011, sabiex din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ossia divorzju bejnu u bejn martu, u dan peress illi r-rekwiziti ghat-talba tad-divorzju kif elenkati fir-rikors promotur, jinsabu sodisfatti;*

*Illi madanakollu, huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ebda spejjez ta' din il-procedura tenut kont li ma kienx huwa li inizja tali proceduri.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MS** xehdet (vide affidavit fol 14) illi hija u l-intimat iltaqghu f'Gunju 1985 u zzewwgu fit-22 ta' Gunju 1991 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Ikkonferma illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar is-27 ta' Lulju 2011 fl-atti

tan-Nutar Dr. Anton Borg. Ziedet tghid illi mid-data tas-separazzjoni sallum, il-partijiet qatt ma rrikonciljaw u lanqas ma hemm tama tal-istess. Finalment ddikjarat illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment dovut u li xtaqet tipprocedi bid-divorzju minn ma zewgha.

**VA xehed** (vide affidavit, a fol 20) fejn ikkonferma u kkollabora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Gunju 1991 liema zwieg jgib certifikat numru 1054/91 (dok A fol 2) u li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dottor Anton Borg, datat 27 ta' Lulju 2011 (vide Dok. B fol 3 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg ghandu certifikat numru 1054/91 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**